MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 87/2006

**Talba Nru: 87/06VGD**

Vodafone Malta Limited (C 10865)

Vs

Islam Issa

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' mitejn u lira Maltin u erbghin centezmu (Lm201.40c) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' mobile phone bin-numru 9980 5538, minghand il-

konvenut li alavolja interpellat sabiex ihallas baqa inadempjenti, bl-ispejjes inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u lira Maltin u erbghin centezmu (Lm201.40c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.    L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------